Fit-Tribunal tal-Konsumatur

CCT 147/22/MM

Marvin Psaila

Vs

En Vie Ltd

10 ta' Lulju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2022 fejn talab is-somma ta' elfejn tmien mija u erbgħin ewro (€2,840), rappreżentanti l-prezz imħallas għal tmien (8) bibien interni li bdew jitqaxxru u li kienu ta' kwalita inferjuri minn dak ordnat minnu.

Ra r-rispsota tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' ritratti u diversi korrispondenza.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi, permezz tat-talba tieghu, ir-rikorrent qiegħed jitlob rifużjoni tal-ammont ta' elfejn tmien mija u erbgħin ewro (€2,840). Illi fl-14 ta' Dicembru 2020, ir-rikorrent kien ordna tmien (8) bibien mingħand is-socjeta' intimata u ħallas 30% tal-prezz bħala depożitu, li jammontaw għal disa mija u disgħin ewro (€990), liema bibien ġew effettivament kunsinnati lir-rikorrent fit-30 ta' Lulju 2021. Illi dak inhar ir-rikorrent ħallas 50% tal-prezz u cioe' elf sitt mija u ħamsin ewro (€1,650). Għaldkk it-talba tar-rikorrenti tkopri it-30% d-depożitu, il-50% mal-konsinnja, u kif ukoll l-ispiza tat-trasport li tammonta ghal erbgħin ewro (€40) u xi leave tar-rikorrent.

Illi r-rikorrenti qiegħad jitlob ir-rifużjoni stante li l-materjal twassal għandu difettuz u b'diversi tbajja, nuqqas li ġie rikonoxxut mis-socjeta' intimata. Illi r-rikorrenti jsostni li mid-data tal-konsenja fit-30 ta' Lulju 2021, effettivament skatta perjodu li fih, sad-data tal-kawża odjerna għadu mingħajr bieb minnhom li huwa nieqes, u mingħajr ix-xambrelli tal-istess bibien.

Illi, t-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata mhux qed tikkontesta l-irċevuti tal-ħlas tal-ammont ta' disa mija u disgħin ewro (€990) u ta' elf sitt mija u ħamsin ewro (€1,650) iżda toġġezzjon fir-rigward tal-ispiza tat-trasport u kif ukoll għar-rimbors tal-leave li ha r-rikorrent, stante li l-ebda forma ta' prova ma ġiet imressqa mir-rikorrent sabiex jissostanzja it-talba tiegħu.

Is-soċjeta intimata tissottometti li minkejja li kien hemm xi difetti, tali difetti kienu biss fix-xambrelli tal-bibien u mhux fil-bibien nnifishom. Is-soċjeta' intimata tispjega wkoll li offriet lir-rikorrent xambrelli simili jew illi x-xambrelli li kellu jinzebgfu; offerta li r-rikorrent m'accettax (kif wara kollox kellu kull dritt). Pero, meta s-socjeta' intimata offrietlu li jordnaw ix-xambrelli mill-gdid u jgibulu xambrelli godda bhal ma' kellu, dan accetta u infatti hekk gata', tant u hekk li, kuntrarjament ghal dak li qieghed jargumenta r-rikorrent fin-nota tieghu, huwa accetta li jistenna. Iżda ġara li sfortunatament l-ordni damet minhabba ragunijiet li huma ghal kollox indipendenti mill-kontroll tas-socjeta' intimata u dana minhabba l-inkwiet li kien hawn fid-dinja ricentement ossia l-grnrerra fl-Ukraina u kif ukoll terremoti fit-Turkija.

Ikkunsidra

Illi f'dan il-kaz, la darba huwa pacifiku li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda ta' appalt u mhux ta' bejgh u dan ghaliex jinvolvi obbligazzjoni "di facere" fuq dik "di dare" ("**International Tentage Textiles Industries Limited vs Andreas Gerdes**" (A.I.C. – 22 ta' Gunju 2005); "**Aplan Limited vs Emmanuel Bajada**" (A.I.C. (PS) – 27 ta' Novembru 2009), u allura dak li huwa mportanti u relevanti huwa jekk ix-xoghol sarx kif pattwit, u/jew

skond is-sengha u l-arti, u dan indipendentement mill-allegata approvazzjoni jew certifikazzjoni tax-xoghol, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dak li l-appaltatur huwa obbligat li jaghmel huwa li jaghti l-opera li kellu jahdem skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Illi ghalhekk huwa mill-ewwel evidenti illi x-xorta ta' azzjoni esperita mir-rikorrenti hi dik li l-bibien u x-xambrelli minnu komprat ma kienux tal-kwalita mwegħda. Fi kliem iehor huwa qiegħad jallega inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta` intimata u, allura, qiegħad jippretendu d-danni.

Kif osservat, in linea generali d-danni ghandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett mixtri. Dan, izda, ma jfisserx, imbaghad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruhu ghal xi wahda jew ohra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "*in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore*". ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"**Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono**", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);

Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi

l-oggetti "*ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra ipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell* (subpara. "a"*), ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom* (subpara. "b"*), ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw (*subpara "c") *u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna* ... (subpara "d");

Illi meta wieħed jixtri ħaġa, għandu dritt li din il-ħaġa ma tkunx difettuzż, u li tkun tal-kwalita` pattwita. Fil-kaz in ezami, mhux kontestat li hemm difett konsiderevoli fix-xambrelli kollha. Illi l-partijiet ma jaqblux fuq id-difetti fil-bibien. Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrent huwa iktar kredibbli u rnexxilu jissostanzja l-allegazzjonijiet sal-grad li trid il-liġi. It-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatta mill-argumenti tas-soċjeta' intimata u fuq bilanċ ta' probabbilita jidhirlu li l-linja difensjonali tagħha hija inqas verosimili jew plawsibbli mill-verzjoni tal-attur. Illi dan joħroġ ukoll anki mill-korrispondneza li dan it-Tribunal ra. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ihoss li għandu jaccetta bħala leġittimu u gustifikat l-ilment tar-rikorrenti ghal liema ser tipprovdi l-provvediment infraskritt.

Illi fid-dawl tal-fatt li għadda ħafna żmien, it-tiswija mhix prattikabbli, u għalhekk ma jkunx ġust li dan it-Tribunal jordna tiswija jew xambrelli ġodda stante li mhux ekwu u ġust li r-rikorrenti jagħmel iżjed żmien jistenna. Minn-naħa l-oħra r-rikorrenti ġja gawda mill-użu tal-bibien u jekk iżommhom ser jibqa' jgawdi għal xi żmien ieħor. Għaldaqstant dan il-fattur ser jittieħed in kunsiderazzjoni fid-deċiżjoni tat-Tribunal.

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jilqa' parzjalment it-talba rikorrenti u jistabbilixxi l-ammont ta' danni arbitrio boni viri fis-somma ta' ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300), u qed jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti din is-somma hekk likwidata fi żmien ġimgħa mil-lum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

Avv. Dr Martha Mifsud
Arbitru